MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Numru. 390/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Nezren Grixti)**
**(Sp. Pierre Grech)**

**v**

**Marlon Camilleri ta’ 20 sena,**
**iben Angelo u Carmen nee Zammit, imwieled**
**Pieta’ fl-14.06.83, residenti Moonlight,**
**Triq il-Maggur A. Aquilina, Birkirkara,**
**u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 309983 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Marlon Camilleri li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer bejn is-17 ta’ Marzu,

2004 u s-16 ta’ Mejju, 2004 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(a) bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra Alexia Camilleri detentrici ta’karta tal-identita’ numru 550984 (M), bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzatajew misjuba hatja ta’ reat u dan bi ksur tal-artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) Bil-hsieb li jaghmel hsara lil Alexia Camilleri detentrici ta’ karta tal-identita’ numru 550984 (M), akkuzaha quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt likien jaf li dik il-persuna hija innocenti, u dan bi ksur tal-artikolu 101(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(c) Ukoll talli iddenunzja l-Pulizja Ezekuttiva rat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta’ l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(d) Ukoll talli kkommetta reat fil-perjodi operattivi ta’ sentenza sospiza moghtija nhar it-18 ta’ Marzu, 2004 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr A. Mizzi LL. D.)

(e) Ukoll talli uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazjzonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dakli ghalih ikun gie provdut, awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistemza tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew jaghmeluzu minnu mhux sew, u dan bi ksur ta’ artikolu 39(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat;

Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-20 ta’ Mejju, 2004 jidher illi l-akkuzat ammetta l-ewwel tliet akkuzi kif dedotti kontra

tieghu., b’dan pero illi fl-istess seduta giet sollevata l-eccezzjoni ta’ genn tieghu waqt li hu kkommetta l-atti bazi ta’ l-akkuzi ammessi fil-fatt. Aktar tard fis-seduta tat-2 ta’ Gunju, giet anke ammessa fil-fatt l-akkuza li ggib l-ittra e, b’dan li nzammet l-eccezzjoni taht l-artikolu 33(a) Kap 9.

Illi mressqa din l-eccezzjoni l-Qorti semghet il-psikjatra minnha mahtur li kkonkluda illi fiz-zmien li Camilleri kkommetta r-reati bihom addebitati huwa ma kienx fi stat ta’ genn fit-terminu li trid il-ligi. Spjega pero’ li Camilleri kien afflitt minn IQ baxxa tkellem fuq problemi ta’ intelligenza u problemi psikologiki.(Vide rapport JC).

Dan il-fatt mhux in kwantu l-kapacita ta’ Camilleri biex jirrispondi ghar- reati kriminali pero’ mill-lat psikologiku gie amplifikat mill-psikologista addetta mal-agenzija Caritas Pamela Kerr.

Illi inoltre din il-Qorti hija sodisfatta mill-htija ta’ l-akkuzat wara li rat l-istqarrija minnu rilaxxata kif ukoll il-konferma ta’ l-istess bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti.

Ikkonsidrat

Illi din il-Qorti wara li rat l-ammisjonijiet registrati u ezaminat l-atti tal-kawza m’ghandha ebda triq ohra hlief li ssib lil Marlon Camilleri hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 110, 101 tal-Kap 9, l-artikolu 39 tal-Kap 399 u l-artikolu 17 tal-Kap 9. Rat ukoll is-sentenza esebita u l-verbal registrat mill-avukat difensur fis-seduta tat- 2 ta’ Gunju, 2004, fil-konfront tas-sentenza esebita.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 28A u 28B u 17 tal-Kap 9. Ikkonsidrat illi fil-mori tal-kawza gie anke presentat rikors mill-Kummssarju tal-Pulizija illi allega illi Marlon Camilleri kien involut f’serqa. Dak li irrizulta mill-provi pero kien li Camilleri kien misjub barra wara l-hinijiet stipulati fl-kondizzjonijiet ta’ liberta provisorja.

Illi ghalkemm il-Qorti ma ddisdponietx mir-rikors inkwantu l-kawza immaturat ruhha ghas-sentenza, pero’ ma tistax ma tqisx il-fatt li Camilleri donnu ma jistax jifhem li jinhtieg li biex fis-socjeta jirrenja ordni kulhadd ghandu joqghod ghal certu dixxiplina u li hemm regoli f’socjeta’ civilizzata li ghandhom jigu rispettati u segwiti. Hija aktar allarmanti s-sitwazzjoni mentali ta’ Camilleri meta wiehed jigi a konjizzjoni tal-fatt li hu kkometta r-reati kontra l-ex tfajla tieghu u l-familja taghha gurnata jew tnejn qabel ma hu gie gudikat minn Qorti ghal diversi reati konnessi ma’ serq li anke dawn kienu konnessi ma’ din ir-relazzjoni li hu kellu. Camilleri jidher li hu kkunsmat b’din ir-relazzjoni u llum, wara ezami tax-xhieda mressqa fuq ir-rikors u minn dak li qalet il-psikologista jidher li aggrava s-sitwazzjoni tieghu billi xejn ma sab kumpanija lodevoli.

Illi din il-Qorti hasbitha fit-tul dwar dik li ghandha tkun il-piena gusta ghal Marlon Camilleri u ghalkemm dawn huma sensiela ta’ reati ohra kommessi fl-istess xahar u sena thoss li piena karkerarja mhu se taghmel xejn biex tghin lil Camilleri u ghalhekk qeghda minflokk tapplika l-artikolu 28B u fil-konfront ta’ l-ewwel sentenza sospiza, cioe l-ksur taghha, u ghalhekk qeghda tordna li l-perjodu operattiv taghha li ghandu jkun ta’ erba’ snin mill-lum.

Fil-konfront tar-reati l-ohra mertu ta’ din l-akkuza qeghda tikkundannah sentejn habs ukoll sospizi ghal erba’ snin bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Qeghda wkoll tapplika l-artikolu 28G u tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni ghal sentejn mil-lum u dawn taht il-kundizzjonijiet annessi ma’ din is-sentenza.

Qeghda wkoll ai termini ta’ l-artikolu 109 tal-kap 9 tikkundanna lil Marlon Camilleri l-piena ta’ interdizzjoni generali, kif ukoll tintedrixxi lil Marlon Camilleri milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja u bhala perit f’kull kaz li jkun u dana ghal perjodu ta’ ghaxar snin.

Tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap 9 li l-istess interdizzjoni tigi ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern.

Magistrat Dr  Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Numru 390/04**

**Illum 25 ta' Frar, 2005.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Nezren Grixti)**
**(Sp. Pierre Grech)**

**v**

**Marlon Camilleri ta' 20 sena,**
**iben Angelo u Carmen nee Zammit, imwieled**
**Pieta' fl-14.06.83, residenti Moonlight,**
**Triq il-Maggur A. Aquilina, Birkirkara,**
**u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 309983 (M).**

**Ordni ta' Supervizzjoni ai terminu ta' l-artikolu 28G Kap 9**

Din l-ordni qed issir ghal perjodu ta' sentejn mill-lum u qed jinhatar ghal dan l-iskop Trevor Calafato bhala l-Ufficjal Sorveljanti.

Illi l-ufficcjal Sorveljanti ghandu matul il-perjodu ta' dina l-ordni jassigura li Marlon Camilleri jzomm ghal perjodu meqjus bhala neccessarju kuntatt ta' spiss mal-psikologista li maghha gia ghandu kuntatt ma' l-agenzija Sedqa Qorti qeghda tahtar ukoll ghal dan l-iskop. B'dan illi il-Qorti se thalli f'idejn l-istess psikologista li tiddettermina hi kemm u meta Marlon Camilleri ghandu jzomm kuntatt maghha.

Marlon Camilleri qed jigi ordnat ukoll illi matul dina l-ordni huwa jattendi ghal dawk il-laqghat meqjusa mehtiega mis-Sedqa u /jew l-Ufficjal Sorveljanti kemm fil-konfront ta' Family therapy kif ukoll ghal kull kura psikjatrika jew /u psikologika meqjusa mehtiega.

L-Ufficjal Sorveljanti ghandu wkoll jaghti dawk id-direttivi li jqis hu neccessarju biex Camilleri jibda anke jsegwi korsijiet anke ma' l-ETC , li jistghu jressquh lejn impjieg.

Marlon Camilleri ghandu jzomm dak il-kuntatt mitlub u ordnat kemm mill-Ufficcjal Sorveljanti u mill-psikologista hawn mahtura u ghandu jinfurmahom immedjatament b'kull bdil ta' indirizz b'mod immedjat.

Illi l-ufficcjal sorveljanti ghandu jirraporta l-progress o meno lil din il-Qorti ta' Marlon Camilleri bil-miktub kull xahrejn mil-lum.

Tordna li kopja ta' dina l-ordni tinghata immedjatament lill-Ufficcjal Sorveljanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------